LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2008 fl-10.00 a.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **Skużat :** | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| **Assenti :** | Dr Frank Psaila |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Water-Culverts Tender
5. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 20 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Camilleri ssekondata mis-Sinjura Lucia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-22 ta' Dicembru 2008, fosthom ;

a) E-Mail mill-MEPA li tinforma illi minħabba xi *policies* li qegħdin jiġu riveduti għalissa mhux qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet taħt l-iskema *Urban Improvement Fund*.

b) E-mail tas-Supretendent Ray Zammit bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill dwar informazzjoni fuq parking fejn hemm immarkat '' Keep Clear '' quddiem il-fergħa tal-Bank of Valletta fi Triq Dun Pawl, Luqa. Is-Supt. Ray Zammit, li huwa l-persuna responsabbli mill-*enforcement* tat-traffiku, ikkonferma li fejn hemm imniżżel ''Keep Clear'' ħadd ma jista' jipparkja fiha u dan igħodd il-ħin kollu. Jekk xi persuni jipparkjaw f'din il-kaxxa meta hemm sinjal ''Keep Clear '', il-Pulizija jew il-Wardens għandhom ragun jagħtu citazzjonijiet.

c) Memo 37/2008 tal-DGL fuq Skema dwar Attivitajiet Kulturali.

d) Ittra mill-Agent Direttur tar-Registru Pubbliku li tavża illi d-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku kien ġie trasferit għal Evans Building b'effett mill-15 ta' Diċembru 2008.

e) E-mail mill-Onor. Dr. Chris Said li tinforma dwar l-eżerċizzju li għaddej biex jitneħħew mit-toroq u mill-għelieqi vetturi mitluqa u oġġetti oħra kbar tal-ħadid.

f) Ittra minn Luqa St. Andrew's F.C. Youth Nursery dwar attivita' sportiva li jixtiequ tittella' flimkien mal-Kunsill Lokali għal żmien il-Milied. Għal din l-attivita' huwa antiċipat nefqa ta' madwar 200 euros. Il-Kunsill qabel mal-proposta u li tinħareġ nofs l-ispiża.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-22 ta' Diċembru 2008.

## 4. WATER-CULVERTS TENDER

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' tindif tal-Water-Culverts għalqet il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2008. Għal din is-sejħa kienet inġabret u sussegwentement inxteħtet tender waħda, dik ta' Polidano Bros. Ltd. Dawn qegħdin jitolbu 580 Euros kull jum, minbarra l-VAT.

4.2 Il-Kunsill qabel li jikteb lil Polidano Bros. Ltd. Fejn tintalab li ssir laqgħa ħalli flimkien jiġi stabblilit il-peridjodu ta' xogħol peress li l-ħlas mitlub huwa bażat fuq kull jum.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-22 ta' Diċembru 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-10.55 a.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 28 ta' Jannar 2009.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |